MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 47/2011

A B I.D. f'isimha proprio u bhala kuratrici ad litem f'isem bintha minuri S skond digriet tal-Qorti tal-5 ta' Frar, 2013

vs

C D ID u b'digriet tal-15 ta' Ottubru, 2012 gie kjamat fil-kawza id-Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi fis-6 ta' Awissu tas-sena 2000, l-attrici welldet tifla minuri bl-isem ta' S u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2893/2000 hawn anness u markat Dok A.

2. Illi mill-att tat-twelid tal-minuri jirrizulta illi meta l-attrici A B irregistrat lil bintha, hija rregistrat lil bintha fuq missier li sa dak in-nhar ma kienx maghruf.

3. Illi l-attrici taf illi missier il-minuri S huwa l-konvenut C D.

4. Illi fl-ewwel sitt xhur tat-twelid tat-tarbija, il-konvenut kien jara lil bintu Samatha. Kien wara dan il-perjodu li l-konvenut abbanduna lil bintu.

5. Illi l-attrici tixtieq li tigi stabbilita l-paternita' ta' bintha wkoll permezz ta' fatti bhal testijiet genetici.

Talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni :

1. Tiddikjara illi l-konvenut C D huwa l-missier naturali tal-minuri S.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Samatha (Att numru 2893/2000) billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', jigi jaqra <u>C D</u>; u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu indikati konsegwentement billi jigu indikati dawk il-partikolaritakjiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita' jigi jaqra <u>13825 (A)</u>; taht il-kolonna 'eta' jigi jaqra <u>23</u>; taht il-kolonna 'twieled' jigi jaqra <u>Keighley, Renju Unit</u>; taht il-kolonna 'joqghod' jigi jaqra <u>Mellieha Malta</u>; u taht il-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' jigi jaqra <u>Lino (haj).</u>

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha A B ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri S skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għanda tassumi l-minuri S a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici u cioe’ omm il-minuri S B f’isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici tal-istess bintha l-minuri sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid[1] tal-imsemmija minuri fis-sens li dan jibda jindika lill-intimat C D bhala missierha naturali minflok ma jibqa’ bhala wild ta’ *unknown father*.

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-intimat huwa debitament notifikat bil-kawza odjerna, l-istess intimat huwa kontumaci.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u cioe’ dwar in-nuqqas ta’ l-awtorizazzjoni mehtiega sabiex A B tkun mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri S skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tali eccezzjoni giet sorvolata permezz ta’ rikors datat id-29 ta’ Novembru 2012, liema rikors gie milqugh permezz ta’ digriet datat il-5 ta’ Frar 2013 u konsegwentement, il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-mertu tal-kaz odjern.

**<u>Il-Kaz Odjern</u>**

Il-Qorti tirrileva li fil-mori tal-kawza ma gietx prezentata xiehda. L-unika hjiel li ghandha din il-Qorti huma l-premessi dikjarati u guramentati fir-rikors promotur u xejn aktar. In atti ma hemm ebda prova dwar il-paternita’ o meno tal-intimat ghaliex la gie esebit xi test ta’ paternita’, la ttella l-intimat in subizzjoni sabiex jaghti l-verzjoni tieghu u wisq anqas ir-rikorrenti ma tatx il-verzjoni tal-fatti taghha. In vista ta’ tali nuqqas ta’ provi, il-Qorti tirrileva li m’ghandhiex dik ic-certezza morali li tesigi l-ligi sabiex it-talbiet attrici jistghu jigu milqugha. F’dan l-istadju ssir referenza ghas-segwenti gurisprudenza li ssostni li sabiex tinghata decizjoni jrid ikun hemm konvinzjoni morali da parti tal-gudikant. Il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f’mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta’ provi

[1] Esebit a fol 4 tal-process

meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**B vs Laurenti** deciza nhar it–8 ta' April 1994 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** deciza nhar is-17 ta' Lulju 1981 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili; **Vassallo vs Pace** [Vol.LXX.II.144] u **Zammit vs Petrococchino** deciza nhar il-25 ta' Frar 1952 mill-Appell Kummercjali.

Illi fin-nuqqas ta' provi, anke jekk minimi dwar dak allegat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex dik il-konvinzjoni morali li tesigi l-ligi sabiex it-talbiet attrici jkunu milqugha u jkun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------